MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2013

Numru. 146/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Marie Micallef)**

**vs**

**TCHENSI JEAN BAPTISTE CALVIN**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **TCHENSI JEAN BAPTISE CALVIN** ta' erbghin (40) sena, bin Yossa Michel u Yossa Bernadeta nee' Nitcheu, imwieled Douala Cameroon, nhar id-9 ta' Marzu 1972, minghajr indirizz fiss u detentur ta' passaport tal-Cameroon numru 01600448 u permess ta' residenza Franciza ZROK008NN gie imressaq quddiemha w akkuzat talli:

Nhar il-11 ta' Frar 2013 u fil-granet ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni

wahda, f'Malta, assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt (Delitt ta' Frodi).
Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti u cioe' fedina penali tal-imputat u kopja awtentikata passaport u r-residenza Franciza ta' l-imputat, kif ukoll stqarrjia tal-imputat.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-ezami li sar skond l-Artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta illum nhar it-tlettax (13) ta' Frar 2013 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-lum nhar it-tlettax (13) ta' Frar 2013 u dana fil-prezenza tal-avukat tal-Ghajnuna Legali difensur tieghu.

Semghet lid-difiza tghid illi l-imputat huwa marid serjament u fil-fatt qed ibaghti minn cancer tant li jinsab taht kura medika sabiex jindirizza din il-marda.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tghid illi l-imputat odjern ma kienx l-awtur tar-reat fejn gew defrodati numru ta' nies izda kien biss komplici.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tghid li fil-fatt l-imputat ikkoopera bi shih mal-Prosekuzzjoni u kien bl-ghajnuna tieghu li irnexxielha ssolvi dan il-kaz fi zmien daqshekk qasir.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara wkoll illi vittmi f'dan il-kaz m'hemmx u li s-socjeta' ma sofriet l-ebda danni materjali.

Il-Prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti illi l-imputat ser jitlaq minn Malta qabel nhar it-tnejn biex jiehu l-kura medika gewwa Parigi.

Il-Qorti appuntat lil Dr Mario Scerri, bhala Espert Mediku seduta stante, sabiex jezamina lill-imputat bil-ghan li jikkonferma jekk hux minnu li l-imputat ibghati minn din il-marda daqstant serja.

Semghet lil Dr Mario Scerri jixhed u jispjega li l-imputat jinsab taht kura akuta konsistenti f'*chemo-therapy* li qed tinghathalu f'dawn iz-zminijiet u dan wara illi huwa kkonferma illi l-imputat ghandu subclavian line fix-xellug ta' l-ghonq li minnha qed jiehu l-chemo-terapija.

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-qaghda prekarja li jinsab fiha l-imputat u invista tal-fatt li l-imputat huwa first time offender, u peress li sejjer jiehu kura medika, il-Qorti thoss illi l-piena idonea hija dik ta' sentenza prigunerija sospiza.

**Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lill-imputat TCHENSI JEAN BAPTISTE CALVIN hati tal-akkuza u ai termini tal-Artikoli 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tikkundanna lill-imputat ghal piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghal erba' snin.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------